# Niċeċ u statwi fit-toroq ta' Birkirkara

(ikompli ma' l-artiklu tas-26 ta' Ġunju)

**Fl-istess Triq Santu Rokku kantuniera ma' Sqaq Karla nsibu niċċa sabiha ta' l-injam li fiha xoghol ta' tfassil u skultura. Hi niċċa li jidher li saret lejn tmiem is-seklu l-iehor. In-niċċa fiha tliet faċċati tal-hġieġ u bejniethom naraw żewġ kolonni ta' l-injam. Taht in-niċċa naraw bhala terha, kompluta bil-bizzilla. Fuqha naraw ċelu armat bil-patalotti, kollox mahdum fl-injam. Hi tabilhaqq niċċa sabiha u oriġinali. Fl-1888 l-Isqof Buhagiar ta indulġenzi ghal min jitlob quddiem l-istatwa ta' l-Immakulata li tinsab f'din in-niċċa.**

minn Toni TERRIBILE

F'dawn il-gżejjer insibu numru kbir ta' niċeċ u statwi ta' San Pawl u f'Birkirkara wkoll insibu n-niċeċ tieghu u l-ewwel wahda tinsab fuq dar nru. 8 Triq Sant'Elena. Hi niċċa li saret mad-dar stess li maghha tinsab. Din in-niċċa qieghda tiġbed hafna l-attenzjoni ta' kull min iħares lejn din id-dar billi qieghda fin-nofs fuq il-gallerija.

Il-gwarniċa tal-bejt narawha ddur nofs tond, f'nofs din il-faċċata u minn tahtha naraw hierġa niċċa arzellata ta' San Pawl. L-istatwa hi kopja tajba ta' l-istatwa tal-Belt u ghadha qatt ma ntmesset biż-żebgha u ghalhekk wiehed jista' josserva hafna dettalji. Fuq kull naha tan-niċċa naraw dekorazzjoni li tibda mill-ġenb tan-niċċa u tiftah fuq kull naha u tibqa' tinfirex fuq il-gwarniċun wiesa' li tinsab ftit metri biss 'l fuq mis-saqaf tal-gallerija.

Taht, fin-nofs, naraw kartella kbira skulturata li saret bil-hsieb li fiha jinkitbu l-ghoti ta' l-indulġenzi. Fil-gholi, fin-nofs, naraw ukoll salib tal-ġebel. B'hekk din in-niċċa ġiet ghamla ta' frontispizju.

Fuq dar nru. 56 Triq Santu Rokku niltaqghu ma' niċċa ohra. Mill-ġebla taghha tidher li m'hix qadima wisq, xoghol ta' dan is-seklu. Ghandha pilastri ta' stil Doriku fuq kull naha u f'nofsha naraw riliev tal-ġebel li jirrappreżenta lill-Familja Mqaddsa.

Fuq dar nru. 5 Sqaq il-Matluwa niltaqghu ma' niċċa ohra żghira bla ebda tiżjin dedikata lill-Madonna tal-Karmnu. B'danakollu iżda hi devota man-nies ta' l-inhawi. L-Isqof Gaetano Pace Forno kien ta indulġenzi ghal min jitlob quddiemha.

Sant'Antnin hu qaddis li f'Birkirkara ghandu popolarità kbira. Insibu knisja dedikata lilu f'idejn il-Franġiskani Konventwali u ohra qrib il-parroċċa. Insibu wkoll statwa tieghu li l-indulġenzi taghha jmorru lura ghal żmien l-Isqof Gaetano Pace Forno u li jġibu d-data tal-21 ta' Awissu 1861. Din l-istatwa, li m'hix ta' livell artistiku kbir, narawha mqieghda fuq mensola, iżda hi statwa devota man-nies ta' l-inhawi li tinsab jiġifieri fi Triq Sant'Elena kantuniera ma' Triq Santu Rokku.

Filwaqt li nibqghu Triq Sant'Elena fuq dar nru. 87 niltaqghu ma' niċċa żghira iżda devota u miżmuma tajjeb f'ġieh il-Madonna tar-Rużarju. In-niċċa hi arzellata u quddiemha naraw hġieġa bhala sinjal ta' protezzjoni. Lill-Madonna narawha żżomm lill-Bambin fuq in-naha tal-lemin u dan jidher bilwieqfa fuq globu. L-istatwa hi miżbugha iżda ghallinqas bis-sengha. Fl-24 ta' Lulju 1906 l-Arċisqof Pietro Pace kien ta indulġenzi ghal min jitlob quddiemha.

Bla dubju ta' xejn wahda mill-isbah statwi ta' Sant'Elena tinsab fuq dar nru. 45 Triq id-Dejqa. Malli wiehed iħares lejha jinduna mill-ewwel li min ghamilha kien skultur li kellu daqqa tajba ghax dawn id-daqqiet jidhru f'kull parti ta' l-istatwa, fl-espressjoni tal-wiċċ iħares 'il fuq, fil-paneġġi tal-libsa u tal-mantell u sahansitra fil-komma tal-lemin. L-istatwa hi minghajr il-kuruna imperjali.

Hi hasra iżda li din l-istatwa hi mitluqa u minsija. Fl-imghoddi jidher li ma kinitx hekk, ghax ghadu jidher il-brazz tal-fanal, kif ukoll il-grampuni li maghhom kienu jiddendlu t-tazzi taż-żejt fjum il-festa. L-Isqof Publio Sant kien ta indulġenzi ghal min jitlob quddiemha.

Ftit 'il boghod, niltaqghu ma' statwa ohra u din hi l-istatwa ta' Marija Assunta li nsibu f'kantuniera bejn Triq id-Dejqa u Triq San Ġużepp, mghollija fuq mensola. Bhala statwa, ghadha l-ewwelnett fl-istat oriġinali taghha u ghalhekk ċerti dettalji ghadhom jistghu jitgawdew iżda hi hasra li fiha hafna hażiż. Il-Madonna, b'harsitha 'l fuq u f'idejha miftuha narawha akkumpanjata minn żewġ anġli li jidhru mqabbda mal-mant taghha. Huma żewġ anġli żghar iżda dettaljati ferm fix-xoghol taghhom. L-anġlu tan-naha tax-xellug, u l-puttin ta' tahtu fih xoghol fin u dettaljat aktar mill-iehor tan-naha tal-lemin.

Statwa ohra artistika tinsab f'kantuniera bejn Triq San Ġużepp u Triq id-Dejqa. Din l-istatwa ta' San Ġużepp m'hix qieghda f'niċċa iżda fuq mensola ta' daqs gholi u skulturata b'wiċċ ta' anġlu u disinji ohra.

L-istess xoghol dettaljat narawh fl-istatwa tal-qaddis b'mod speċjali fl-ippaneġġjar tal-libsa tal-qaddis.

L-iskultur ipprova jimita l-istatwa ta' l-istess qaddis li nsibu fil-knisja parrokkjali u f'ċerti partijiet taghha rnexxielu u f'ohrajn falla iżda b'danakollu hi statwa artistika.

Statwa ohra ta' San Ġużepp insibuha f'niċċa li tinsab fuq dar nru. 18 Sqaq Karla. Hi niċċa li l-bidu taghha jmur lura lejn tmiem it-tieni nofs tas-seklu dsatax. Ghandha disinn oriġinali ghax mill-gwarniċa nofs tond li ddur mad-dawra tan-niċċa jiġi ffurmat frontispizju li mieghu jinghaqdu gwarniċi li jinżlu mat-tul tan-niċċa kollu u jieqfu fuq gwarniċa li fuqha hi mibnija din in-niċċa. Tahtha naraw lapida kbira li tfakkar li fit-18 ta' Mejju 1886 l-Isqof Buhagiar kien ta indulġenzi ghal min jitlob quddiemu. L-istatwa, ghalkemm nieqsa minn ċerti dettalji ta' xoghol, fiha bosta partijiet minnha bi skultura tajba. ◆

(Ikompli f'harġa ohra)



L-istatwa ta' San Ġużepp li tinsab f'kantuniera bejn Triq San Ġużepp u Triq id-Dejqa. Jidher li l-iskultur taghha ha l-ispirazzjoni tieghu mill-istatwa ta' San Ġużepp li nsibu fil-kolleġġjata ta' Sant'Elena

## Fejn jinsabu...

**Salib**: Pjazza Herba; **Ġesù Kurċifiss**: Tarf Birkirkara min-naha ta' San Ġwann 57, Triq Bwieraq; **Ġesù marbut mal-kolonna**: 100, Triq il-Kbira; **Ġesù Redentur**: Triq il-Kbira Has-Sajjied/Triq Bwieraq; **Qalb ta' Ġesù**: 100, Triq l-Imsida; 23, Triq il-Herba; 18/19, Sqaq Dun Perin; 1, Sqaq il-Vitorja; **Familja Mqaddsa**: 56, Triq Santu Rokku; 34-35, Triq San Ġiljanu; 6, Triq il-Herba; **Marija Immakulata**: Triq l-Imsida/Triq Santu Rokku; Triq Santu Rokku/Sqaq Karla; Pjazza Sant'Elena/Triq l-Ilsiera; L-Ghassa-Triq il-Kbira; 119, Triq il-Kbira; 12, Sqaq 1 Triq Has-Sajjied; 73, Triq Ganu; 6, Sqaq in-Nannuwa; 181, Triq il-Wied; 114, Triq Fleur de Lys; **Marija Assunta**: Triq id-Dejqa/Triq San Ġużepp; 248, Triq San Ġiljanu; 37, Triq Has-Sajjied; Triq Fleur de Lys/Triq il-Kolleġġjata; **Madonna bil-Bambin**: Triq San Ġiljan/Sqaq Gharghur; 70, Triq il-Kbira; 171, Triq il-Kbira; **Madonna ta' Lourdes**: Triq il-Wied/Triq il-Karmnu; **Madonna tar-Rużarju**: 87, Triq Sant'Elena; 5, Triq Hal Gharghur; 79B, Triq Fleur de Lys; **Madonna tal-Karmnu**: 121, Triq Mannarino; 1-2, Triq Paris; 44, Triq Santu Rokku; 5, Sqaq il-Matluwa; 16, Triq San Ġiljanu; 3, Sqaq Sampusa; 215, Triq il-Kbira Sqaq Bużawra; 107, Triq il-Kbira; Triq il-Kbira/Sqaq Dun Perin; 26, Sqaq Dun Perin; Triq Ganu/Triq Gharghur; 16, Triq il-Vitorja; 45, Triq il-Laqxija; 23, Triq l-Imriehel; 71, Triq il-Knisja l-Qadima; 5, Triq Mannarino; Fleur de Lys/Triq Brighella; **Marija Addolorata**: Triq l-Imsida/Triq Sant'Elena; Sqaq Buzawra; Sqaq Dun Perin; 16, Triq il-Kbira Has-Sajjied; 75, Triq Hal Gharghur; 14, Sqaq San Pawl; 40-41, Triq il-Wied; 58 Triq Fleur de Lys; **Madonna tas-Sacro Cuor**: Triq id-Dejqa/Triq Sant'Elena; **Sant'Elena**: 188-189, Triq l-Imsida; Triq Santu Rokku fuq il-Pont; 45, Triq id-Dejqa; 8, Triq San Ġiljanu; 33, Triq Qrejżu; Domus Curialis Triq il-Kbira; 22, Il-Pjazza; 2, Triq is-Santwarju; 96, Triq il-Kbira; 62, Triq il-Kbira Has-Sajjied; 71, Triq il-Knisja l-Qadima; 16, Triq Fleur de Lys; 60, Triq il-Qasab; 380, Triq Fleur de Lys; **San Kostantino**: Triq l-Imsida; **San Ġużepp**: 55, Triq il-Qasab; 188, Triq l-Imsida; Triq San Ġużepp/Triq id-Dejqa; 18, Sqaq Karla; 41, Triq San Ġiljan; 286, Triq San Ġiljan; 52, Triq il-Kbira; Triq il-Kbira Has-Sajjied/Triq San Kostantino; 23, Triq Ganu; Sqaq il-Vitorja; Triq il-Wied hdejn San Pawl; 47, Triq l-Imriehel; 29, Triq Fleur de Lys; **San Mikiel**: Triq il-Parroċċa/Triq Mannarino; 186, Triq Santu Rokku; 6, Sqaq il-Vitorja; Mithna Triq in-Naxxar; 59, Triq il-Qasab; **San Mark Evanġelista**: Palazz ta' Santa Liena, Triq Hal Gharghur; **San Vinċenz Ferreri**: Triq l-Imsida/Triq Santu Rokku; **Santa Tereża t'Avila**: Triq il-Wied/Triq Santa Tereża; **San Ġwann Battista**: Triq Fleur de Lys/Triq Psaila; **San Franġisk t'Assisi**: Palazz ta' Santa Liena, Triq Hal Gharghur; Triq l-Imsida/Triq il-Kbira; **San Tumas D'Aquino**: 10, Triq Riegu; **San Girgor**: Triq Bwieraq/Triq Kbira; **L-Erwieh**: Triq l-Imriehel.